MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1791/2002

***U.C.I.M. Co. Ltd.***
***Vs***
***Alan Ciantar u martu Lorna Ciantar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u sittin liri Maltin (Lm765) rappresentanti l-import ta' disa' kambjali kollha ta' hamsa u tmenin lira Maltin il-wahda (Lm85.00), debitament accettati u skaduti minn Novembru 2001 sa Lulju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, liema kambjali gew annessi ma' l-avviz u mmarkati bhala Dokumenti 1 sa 9.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Lulju 2002 jammontaw ghal Lm27, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti, konsistenti fil-kambjali mmarkati bhala Dokumenti 1 sa 9.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm765), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**